**<u>MINUTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV GĦAL MARSALFORN</u>**
**Nru. 13/02/2015**
***Kienet addottata Aġenda nru. 13/2015***

**Iltaqa' fil-Bini tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ**

**Data: It-Tlieta, 1 ta' Diċembru 2015**

**Ħin: Fis-6.00 ta' filgħaxija**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Is-Sinjura Marija Saliba – Chairperson**
- **Is-Sur Frank Fenech – Deputat Chairperson**
- **Is-Sur Martin Cefai – Membru**
- **Is-Sinjura Sandra Grech – Membru**
- **Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba – *Ex Officio***
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva.**

Ippresjediet il-laqgħa ċ-Chairperson is-Sinjura Marija Saliba.

## 1. TALBA

Intqalet talba miċ-Chairperson u ngħata bidu għall-laqgħa.

## 2. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI LAQGĦA BIN-NRU. 12/2015

Billi l-minuti tal-laqgħa bin-nru. 12/2015 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

Iċ-Chairperson talbet għal xi korrezzjonijiet li setgħa kien hemm għall-minuti.

Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

Iċ-Chairperson talbet għall-approvazzjoni tal-minuti kif ippreżentata u staqsiet għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu. Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

## 3. PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI LAQGĦA BIN-NRU. 12/2015

Ma tqajjmux punti mill-Minuti bin-nru. 12/2015.

## 4. KORRISPONDENZA

Sar il-qari ta' din il-korrispondenza:

Ittra mibgħuta mid-Dipartiment Proprjeta` tal-Gvern dwar il-kirja li l-Kunsill Lokali għandu mad-Dipartiment f' Marsalforn.
Iċ-Chairperson ipproponiet li l-Kumitat Amministrattiv jikri l-appartament bin-nru. 50 fi Triq Ulisse, is-sular ta' mat-triq biex jintuża bħala *store* u *sub office* tal-Kunsill. Qalet li kienet tkellmet mas-sidien u nfurmawha li qed jitolbu €150 fix-xahar tal-kera. Il-Kumitat qabel mal-proposta taċ-Chairperson li jinkera dan l-appartament u kienet ser issir *site visit* mill-Kumitat.

Ittra tas-Sinj. Kristina Agius fejn talbet kumpens għal ħsara fuq il-vettura tagħha fi Triq il-Qbajjar. It-talba għal kumpens kienet rifjutata mill-Kumitat – ir-rapport tal-inċident mal-Pulizija sar ġimgħa wara u meta l-ħsara kienet diġa ssewwiet.

Ittra mibgħuta mir-Rettur tal-Knisja ta' San Pawl dwar il-Festa Titulari tal-Konverżjoni ta' San Pawl il-Ħadd 24 ta' Jannar 2016 f' Marsalforn.
Il-Kumitat qabel li jikkummissjona lill-Banda Santa Marija Żebbuġ iddoqq marċi mat-toroq ta' Marsalforn.

Korrispondenza mibgħuta mill-Awtorita` dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u l-Perit tal-Kunsill dwar il-ħajt ta' sit mhux żviluppat fil-Bajja tal-Qbajjar. Is-Sindku qal li kien ser jieħu ħsieb il-kwistjoni.

## 5. ILMENTI U SUĠĠERIMENTI

**Nru. KAM 39/2015 – is-Sur Manuel Saliba**
Talab biex jinżebgħu *double yellow lines* tul ta' metru fuq naħa waħda tal-garaxx tar-residenza 'Sunshine Ville', Triq il-Qolla s-Safra. It-talba kienet approvata mill-Kumitat.

## 6. MILIED 2015

Il-Kumitat approva l-kwotazzjoni ta' 2cee media għal kiri u twaħħil ta' dwal dekorattiv tal-Milied f' Marsalforn għall-prezz ta' €1,130.
Il-Kumitat qabel li jarma bi dwal is-siġra ta' Pjazza San Pawl; jagħmel ix-xogħol Chris Gauci.

## 7. MATERJA OĦRA

Il-Kumitat approva:

- li tiddawwal Pjazza San Pawl, dik il-parti li tiġi kantuniera ma' Triq id-Duluri (fuq proposta taċ-Chairperson).
- jerġa' jitwaħħal *floodlight* nieqes fuq il-Knisja ta' San Pawl (fuq proposta taċ-Chairperson).
- x-xiri ta' għaxar *dog litterbins* għal Marsalforn (fuq proposta tal-Viċi Chairperson).
- tinbidel il-bankina ta' quddiem l-ATM tal-BOV fi Triq il-Port (fuq proposta tal-Viċi Chairperson).
- li jinżebgħu *double yellow lines* fit-triq tal-wied, il-parti tat-triq li tiżbokka fi Triq ir-Rabat (fuq proposta tas-Sindku).
- li jinżebgħu *double yellow lines* fi Triq ir-Rabat, minn Ta' Mena l-fuq fil-liwja.

Is-Sindku ppropona li jitwaħħlu *floodlights* f' diversi inħawi mudlama ġewwa Marsalforn. Kien maqbul li ssir *site visit* mal-Inġ. Renzo Curmi.

Il-Kumitat qabel li jgħaddi l-każ tal-egħluq bi *trailer* u inġenji oħra tal-bokka tas-sit riservat għad-dgħajjes u l-karrijiet fil-*car park* ta' Marsalforn lill-Pulizija.

## 8. AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa ntemmet fit-8.00 ta' filgħaxija. Il-Kumitat aġġorna għat-Tlieta, 26 ta' Jannar 2016 fis-6.00 ta' filgħaxija.

**Marija Saliba**
***Chairperson***

**Diane Tagliaferro**
***Segretarja Eżekuttiva***